**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**

**IL-ĦADD, 4.9.11: IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA.**
**IT-TNEJN, 5.9.11:** l-Ewwel Tnejn tax-Xahar
**Fis-6.00p.m**. ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**IL-ĦAMIS, 8.9.11: FESTA TAT-TWELID TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA (IL-VITORJA)**
Xieraq li f'din il-festa nieħdu sehem fil-quddiesa. Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol.
**IS-SIBT, 10.9.11:** Illum se jkun hawn lejl Adorazzjoni organizzat mil-Moviment Ewkaristiku.
Jibda fit-8.30p.m. bil-quddiesa u wara tkompli l-adorazzjoni. F'nofs il-lejl ikun hawn quddiesa oħra u l-adorazzjoni tagħlaq fis-1.15a.m.
**IL-ĦADD, 11.9.11: L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA.**
Il-ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri.

**PELLEGRINAĠĠ GĦAL MALTA**.
Se jiġi organizzat Pellegrinaġġ Djoċesan għall-Parroċċa tal-Mellieħa, Malta, nhar it-**Tlieta 6 ta' Settembru**.
Nitilqu mal-vapur tal-5.15p.m. Fiċ-Cirkewwa jkollna trasport provdut. Nirritornaw lura lejn Għawdex mal-vapur tal-9.45p.m.
Il-Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali, mhux iktar tard minn nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru.
Dawk li se jiġu jġibu magħhom l-Karta ta' l-Identita'.

**Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ**: Dawk li għandhom il-ħsieb li jiżżewġu minn hawn u sentejn oħra, huma mitluba biex jiġu jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Il-Papa Benedittu XIV liż-Żgħażagħ f'Madrid**
Fil-kultura relativista dominanti tal-lum, li tirrinunċja għat-tfittxija tal-verita' u tiddisprezza t-tfittxija tal-verita', li hi l-aspirazzjoni l-aktar għolja tal-ispirtu uman, għandna nipproponu b'kuraġġ u umilta' l-valur universali ta' Kristu, bħala feddej tal-bnedmin kollha u għajn ta' tama għall-ħajja tagħna. Hu, li refa' fuq in-niket tagħna, jaf sew il-misteru tat-tbatija umana u juri l-presenza tiegħu mimlija kollha imħabba f'dawk kollha li jbatu. Dawn min-naħa tagħhom, magħqudin mal-passjoni ta' Kristu, jipparteċipaw mill-qrib ħafna fl-opra tal-fidwa tiegħu. Fuq kollox, l-attenzjoni disinteressata tagħna lejn il-morda u lejn dawk li huma fil-bżonn, tkun dejjem xhieda umli u silenzjuża tal-wiċċ kollu ħniena ta' Alla.
Tibżgħux mid-dinja, mill-futur, jew mid-dgħufija tagħkom. Il-Mulej jagħtikom li tgħixu f'dan il-mument tal-istorja, għaliex permezz tal-fidi tagħkom ikompli jsemma' l-Isem tiegħu fuq l-art kollha. Nistedinkom titolbu 'l Alla biex jgħinkom tiskopru s-sejħa tagħkom fis-soċjeta' u fil-Knisja u tipperseveraw fiha b'ferħ u b'fedelta'. Jiswa li tilqgħu fl-intimu tagħkom is-sejħa ta' Kristu u timxu b'kuraġġ u b'ġenerożita' t-triq li jipproponilna.
Ħafna huma msejħa mill-Mulej għaż-żwieġ, li fih raġel u mara, li jiffurmaw ġisem wieħed, jirrealiżżaw lilhom infushom f'ħajja profonda ta' komunjoni. Iżda Kristu jsejjaħ oħrajn biex jimxu warajh aktar mill-qrib fis-saċerdozju u fil-ħajja kkonsagrata. Kemm hu sabiħ li tkun taf li Ġesu' jfittxek, jiffissa l-ħarsa tiegħu fuqek, u b'dik il-vuċi inkonfondibbli tiegħu jgħid lilek ukoll: "*Ejja warajja*".
Biex tiskopru u timxu fedelment il-mod ta' ħajja li għaliha l-Mulej isejjħilkom, hu indispensabbli li tibqgħu fl-imħabba tiegħu bħala ħbieb: permezz ta' kuntatt frekwenti, it-talb.